



2017/2279(INI)

20.3.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar it-tiŝiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-Unjoni Ewropea:
is-seba' rapport tal-Kummissjoni Ewropea
(2017/2279(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mircea Diaconu

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jemmen li l-kultura, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u l-isport jiżvolġu rwol kruċjali fil-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali u t-tiswir tal-futur tal-UE, b'mod partikolari bl-għan li jibnu komunità ta' ċittadini magħquda fid-diversità permezz tar-rabtiet ta' solidarjetà, u għandhom potenzjal kbir, fost l-oħrajn, f'termini ta' ħolqien ta' valur miżjud Ewropew u prosperità ekonomika fir-reġjuni kollha tal-UE, b'mod partikolari fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni;
2. Ifakkar l-importanza tal-kultura u l-wirt kulturali, inkluż fir-rigward tal-prosperità ekonomika tal-bliet u r-reġjuni; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri neċessarji kollha biex jissalvagwardjaw b'mod effettiv il-wirt kulturali tanġibbli u mhux tanġibbli, u biex f'dan ir-rigward jużaw l-għodod disponibbli kollha tal-politika ta' koeżjoni; jirrakkomanda li l-wirt kulturali jitqies bħala prijorità orizzontali għall-pilastru kollha tal-politika ta' koeżjoni fil-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi u li jitqiesu r-rakkomandazzjonijiet li nħarġu matul is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali tal-2018 u r-riżultati tagħha;
3. Jenfasizza l-importanza ta' opportunitajiet ugwali għal dawk li jkunu fiżikament jew ġeografikament żvantaġġati, biex jiżguraw li dawn ikollhom aċċess ugwali kemm għall-kultura kif ukoll għall-edukazzjoni;
4. Jenfasizza li l-investimenti fil-kultura, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u l-isport itejbu b'mod sinifikanti l-koeżjoni soċjali fl-UE, b'mod partikolari billi jiffaċilitaw l-integrazzjoni soċjali taċ-ċittadini Ewropej;
5. Jirrikonoxxi l-importanza li jiġu ssalvagwardjati l-wirt naturali u kulturali u li jiġi sfruttat il-potenzjal tagħhom bħala muturi ekonomiċi;
6. Jiddispjaċih li s-Seba' rapport tal-Kummissjoni dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ma jirnexxilux jissottolinja l-investimenti magħmula fil-kultura u ma jagħmel l-ebda referenza kwantitattiva jew kwalitattiva, meqjusa skont is-setturi, għal proġetti relatati mal-kultura, li ammontaw għal tal-inqas EUR 11-il biljun tan-nefqa tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodi ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020, impenjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali;
7. Jinnota li l-politiki ta' koeżjoni u ta' żvilupp rurali tal-UE jistgħu jkunu strumentali fil-promozzjoni tar-restawr tal-wirt kulturali, fl-appoġġ tal-industriji kulturali u kreattivi (CCIs) u fil-finanzjament tal-bini ta' kapaċità għall-professionisti tal-kultura;
8. Jenfasizza l-importanza tal-aċċess ugwali għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-attivitajiet kulturali fit-twettiq ta' konverġenza ġenwina u fit-tnaqqis tad-disparitajiet u l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi fost ir-reġjuni Ewropej;
9. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli tinvesti fil-kultura, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u l-

isport, u tibni fuq ir-riżultati pożittivi taż-żewġ ġenerazzjonijiet preċedenti tal-programmi (2007-2013; 2014-2020);

10. Jitlob li jinħolqu, fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, possibilitajiet ta' finanzjament tal-kultura, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u l-isport permezz ta' objettivi tematiċi magħżula b'mod speċjali għall-investiment tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE);
11. Jenfasizza l-potenzjal tas-settur kulturali u kreattiv (CCS) fir-rigward tal-impjieg taż-żgħażaġh; jisħaq fuq il-fatt li aktar promozzjoni tas-CCS u aktar investiment fih jistgħu jikkontribwixxu sostanzjalment għat-titjib tal-investiment, it-ktabbir, l-innovazzjoni u l-impjigi; jistieden lill-Kummissjoni tqis għalhekk l-opportunitajiet uniċi offruti mis-CCS kollu kemm hu, inklużi l-NGOs u l-assoċjazzjonijiet żgħar;
12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi l-kultura u l-edukazzjoni fl-objettivi ta' prijorità u f'dawk strateġiċi għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, kemm bħala oqsma ta' prijorità kif ukoll bħala dimensjonijiet orizzontali tal-politiki għall-iżvilupp reġjonali;
13. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni, strateġiji sostenibbli u fuq medda twila ta' żmien fl-oqsma tal-kultura, l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u l-isport, li jistgħu jservu bħala bażi għal investimenti strateġiċi matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027;
14. Jinsisti li l-proġetti magħżula għandhom jikkomplementaw lil xulxin u jistieden lill-Kummissjoni biex tisfrutta għalkollox is-sinerġiji potenzjali bejn il-Fondi SIE, l-istrumenti finanzjarji tal-Bank Ewropew tal-Investiment (il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)) u programmi Ewropej oħra deskritti għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, b'referenza speċifika għal Erasmus+ u Europa Kreattiva, permezz tal-għoti ta' informazzjoni aħjar mal-UE kollha u permezz ta' implimentazzjoni ferm aktar deċiża fl-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom; jenfasizza li l-għotjiet ma għandux ikollhom biss l-għan li jiżviluppaw l-infrastruttura iżda wkoll li joħolqu "raggruppamenti kulturali" li jiġbru fihom diversi oqsma relatati, bħalma huma l-wirt kulturali, l-industriji kulturali u kreattivi, il-programmi ta' taħriġ, it-turiżmu kulturali u l-arti u l-artiġjanat lokali;
15. Jitlob li, fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, jittieħdu passi li jidentifikaw miżuri speċifiċi u jiġu allokatu riżorsi maħsuba għal infrastruttura materjali, bħal inkubaturi, infrastruttura diġitali, (pereżempju l-broadband), u infrastruttura intanġibbli għall-entitajiet edukattivi, kulturali u ta' riċerka;
16. Iqis li l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020 fil-kultura u l-edukazzjoni għandhom ikunu aktar effiċjenti u effettivi, kemm f'dak li jikkonċerna l-kwalità kif ukoll il-kwantità tal-proġetti implimentati;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġjaw is-sħubijiet ta' għarfien bejn l-universitajiet, l-entitajiet edukattivi, professjonali u ta' riċerka u l-istituti kulturali fi sforz biex jissodisfaw il-bżonn dejjem akbar ta' kompetenzi ġodda u ta' taħriġ mill-ġdid fis-settur kulturali u kreattiv;
18. Jitlob lill-Kummissjoni tinkludi indikaturi tal-kwalità għal investimenti marbuta mal-wirt kulturali fir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni, kif mitlub ukoll mir-risoluzzjoni

tal-Parlament tat-8 ta' Settembru 2015 bit-titolu "Lejn approċċ integrat għall-wirt kulturali għall-Ewropa";

19. Ifakkar ir-rwol tas-CCIs u jtenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tistabilixxi s-CCIs bħala prijorità orizzontali; jissottolinja li r-reġjuni wrew il-kapaċità li jiżviluppaw raggruppamenti u kooperazzjoni transfruntiera f'dan il-qasam, u jinnota l-effetti pożittivi tal-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti fis-CCIs, li għalihom huma prova r-riżultati sinifikanti rreġistrati s'issa; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iżommu u jsaħħu l-politiki f'dan il-qasam u biex jużaw il-finanzjament disponibbli taħt il-programmi tal-UE u l-Fondi SIE b'mod effettiv;
20. Jappella għal ambitu teoretiku u prattiku akbar għal proġetti fuq tul ta' żmien medju u twil fl-isfera kulturali, awdjoviżiva u kreattiva, billi tingħata l-possibilità li jsir użu kkombinat tal-Fondi ESI u l-EFSI;
21. Jitlob li l-miżuri tal-politika ta' koeżjoni jpoġġu enfasi akbar fuq l-investiment fis-setturi kulturali u edukattivi, b'mod partikolari fiż-żoni urbani u periferiċi, permezz tal-użu ta' għodod ta' taħriġ mill-ġdid u ta' inklużjoni;
22. Jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta l-kapaċità tal-FEŻR biex tappoġġja l-iżvilupp ta' infrastruttura sportiva u tippromwovi attivitajiet sostenibbli sportivi u li jsiru barra, bħala għodda għall-iżvilupp reġjonali u rurali, u tal-Fond Soċjali Ewropew biex issaħħaħ il-ħiliet u l-impjegabilità tal-ħaddiema fis-settur sportiv;
23. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex jallokaw sehem mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni għal proġetti kulturali u edukattivi ta' kwalità għolja li, anki jekk ħaqqhom il-finanzjament, ma jirċevux appoġġ tal-UE minħabba nuqqas ta' riżorsi finanzjarji;
24. Jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġjaw proġetti territorjali integrati b'fokus kulturali, bħall-itinerarji kulturali, li jrawmu l-iżvilupp territorjali ta' kwalità għolja u s-šhubiji pubbliċi-privati fil-qasam tat-turiżmu kulturali.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.3.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Nikolaos Chountis, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Rupert Matthews, Morten Messerschmidt, Luigi Morgano, John Procter, Yana Toom, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Gentile, Liliana Rodrigues, Algirdas Saudargas
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	John Howarth, Luděk Niedermayer

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
ALDE	Mircea Diaconu, María Teresa Giménez Barbat, Yana Toom
EFDD	Isabella Adinolfi
ENF	Dominique Bilde
GUE/NGL	Nikolaos Chountis, Curzio Maltese
PPE	Andrea Bocskor, Svetoslav Hristov Malinov, Luděk Niedermayer, Algirdas Saudargas, Sabine Verheyen, Bogdan Brunon Wenta, Theodoros Zagorakis, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
S&D	Silvia Costa, Elena Gentile, John Howarth, Petra Kammerevert, Luigi Morgano, Liliana Rodrigues, Krystyna Łybacka

0	-

4	0
ECR	Rupert Matthews, Morten Messerschmidt, John Procter
Verts/ALE	Jill Evans

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni